**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Errol Grech**

**Illum 18 ta' Jannar, 2020**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Errol Grech** detentur tal-karta tal-identita' numru 410979(M) billi huwa akkuzat talli nhar it-18 ta' Jannar 2020 gewwa dawn il-gzejjer:

Kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet datat 13 ta' Marzu 2019 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Aaron Bugeja LL.D li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kunduzzjonijiet.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmija reat, tirrevoka contrario imperio d-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna r-riarest tal-imsemmi Errol Grech, kif ukoll tornda li s-somma ta' elf Ewro jghaddu favur il-Gvern ta' Malta.

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrat fl-atti fis-seduta tallum ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba wara li kkonsulta mal-avukat Josette Sultana li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Semghet lill-Prosekuzzjoni u d-Difiza jitrattaw fuq il-piena.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**DECIDE:**

Il-Qorti wara li rat 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah erba' (4) xhur prigunerija.

Kwantu ghat-talba tal-Prosekuzzjoni minhabba n-nuqqas ta' tharis ta' xi wahda mill-kondizzjonijiet imposti fuq l-imputat biex inghata l-helsien

mill-arrest, rrizultat sodisfacentament pruvata u dan wara ammissjoni tal-istess imputat li ghalkemm kellu jkun rinkazat fid-disgha (9) ta' filghaxija kien barra fil-hdax (11) ta' billejl.

Illi l-fatt li l-imputat **kiser ordni moghtija mill-Qorti**, **huwa fatt serju hafna u ma jistax ikun li jibqa' jkun hawn persuni li l-ordnijiet li jinghataw mill-Qorti flok isegwuhom u jimxu b'mod strett maghhom hemm min jistma id-dokumenti tal-Qorti bhal karta li tintuza biex jgezwru z-zokkor jew l-iskalora.**

Il-Qorti wara li rat 579(1)(2)(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali l-**Pulizija (Sp. Joseph Mercieca) vs Wayne Falzon**[1] deciza mill-Imhallef Joseph Galea Debono fil-31 ta' Lulju 2008, *"illi la darba saret it-talba mill-prosekuzzjoni ghar-ri-arrest tal-appellat … din il-qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti mhux biss ma kienetx prekluza milli tordna r-ri-arrest imma kien indikat li hekk kellha taghmel f' dan il-kaz"* filwaqt li tirrevoka l-għoti tal-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest mogħti fit-13 ta' Marzu 2019 mill-Magistrat (illum Imhallef) Aaron Bugeja, tordna l-arrest mill-ġdid tal-ħati.

Il-Qorti qiegħda tordna li d-depozitu (€1,000) u garanziji (€9,000) li jammontaw ghal total ta' ghaxart (10) elef ewro (€10,000) jiġu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta.

____________________

**Dr. Joseph Mifsud**

**Magistrat**

[1] Appell Nru. 137/08